


# Xbieha tat-Trinità Qaddisa fil-Knisja ta' San Nikola fis-Siġġiewi



Mario Fenech

Wieħed mill-kwadri li hemm fil-Knisja Arċipretali ta' San Nikola fis-Siġġiewi huwa dak li jinsab fuq l-artal tal-Immakulata Kunċizzjoni. Bħalma naraw fi kwadri oħrajn b'dan is-suġġett, minbarra l-figura tal-Immakulata Kunċizzjoni fiċ-ċentru tax-xena, fil-parti ta' fuq tat-tila l-artist pinġa wkoll il-figura tat-Trinità Qaddisa.




Ma nafux min hu l-artist li pinġa dan il-kwadru imma nafu biss li huwa xogħol ta' artist Malti li sar matul l-ewwel snin tas-seklu tmintax u li x'aktarx ħareġ mill-bottega tal-artist Rokku Buħaġiar jew xi wieħed mill-artisti li ġew influwenzati mix-xogħlijiet tiegħu. Huma bosta x-xogħlijiet tal-artist Buħaġiar fil-knejjes tagħna.

Minbarra x-xbieha tal-Immakulata, l-artist inkluda wkoll lill-qaddisin San Filippu Neri u San Franġisk Saverju. Fil-parti t'isfel tat-tila jidhru l-erwieħ tal-purgatorju qegħdin jitolbu l-interċessjoni taż-żewġ qaddisin biex isalvawhom u jwassluhom lejn il-ġenna.

Ix-xbieha ta' San Filippu Neri u San Franġisk Saverju ġew inkluzi f'dan il-kwadru skont l-użanza li kienet popolari ħafna dak iż-żmien. Ġeneralment dak li kien ikun se jħallas biex isir il-kwadru kien jitlob lill-artist biex ipinġi lill-qaddis li kien imsemmi għalih jew lil xi qaddis li jkollu xi devozzjoni partikolari lejh.

Jekk wieħed jifli sew din ix-xena, fil-kwadru għandu jinnota li dawn il-personaġġi kollha huma mpinġija fi spazji xi ftit ristretti. Mhux hekk iżda fil-każ tax-xbieha tat-Trinità Qaddisa għaliex l-ispazju tat-tila li fiha jidhru l-Missier Etern, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma ferm anqas ristretti. Dan huwa xhieda ta' kemm l-artist xtaq jagħti importanza lit-Trinità Qaddisa f'dan ix-xogħol.

Dan huwa kwadru mill-isbaħ li jinsab fi knisja mogħnija b'tant opri sagri sbieħ, fosthom numru kbir ta' kwadri li ħarġu minn idejn l-aqwa artisti matul is-snin.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.